II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/2003

tal-20 ta' Settembru 2016

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Filippini, dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti permezz ta' ftehim fil-livell tal-Unjoni.

(2) Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, innegozjat Ftehim mal-Gvern tar-Repubblika tal-Filippini dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fl-10 ta' Frar 2016.

(3) L-għan tal-Ftehim huwa li jġib il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn għaxar Stati Membri u r-Repubblika tal-Filippini f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(5) Sabiex il-benefiċċji tal-Ftehim ikunu jistgħu jibdew jinħassu malajr kemm jista' jkun, dan għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Filippini dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tat-tali Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jaħtar lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Sa ma jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha l-partijiet ikunu għarrfu lil xulxin li tlestew il-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan ([1]).

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 8(2) tal-Ftehim.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

I. KORČOK

([1]) Id-data li minnha l-Ftehim ser jiġi applikat b'mod provviżorju ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.